I.

## L-Imgħoddi

Tinsa int is-sigħat ħelwa
Illi dfinna
Ġewwa l-moħba ta' min ħabb,
Ħalli niksu l-iġsma tagħhom,
B'ward u weraq flok bit-trab?

Ward il-ferħ li tar fix-xej,
Weraq, tama ta' li ġej.

II.

## Għanja ta' Mibegħda

Wieħed li jobgħod ġie ma' ġenb ħondoq
Ħareġ flawt ċkejken, għodda qadima,
U għanna għanja, bħal għajta kerha
Kontra ta' mara b'qalb minn ta' bhima.

III.

## Il-lum ma hux biżżejjed?

Il-lum ma hux biżżejjed? għalfejn ngħarrex
Hemm ġewwa d-dalma minn tal-jum li ġej?
Mhux sejjer għada, tgħid, ikun bħall-bieraħ?
U l-jum t'urajh itemm id-dieq fix-xej?

Ftit ward għad jiftaħ fuq dik triqtek kiesħa;
Min ser issib xħin tmur fid-dar ħemdija
Mnejn inti ħriġt u fejn trid terġa' tidħol
Tad-dmugħ u d-dwejjaq taħt il-pis mifnija?

**Ġorġ Pisani**

# Imrar u Ħlewwa

.....u ġibulu quddiemu xi tfal biex iqegħdilhom idu fuq rashom u jberikhom iżda l-irsuli (biex ma jdejqux lil Ġesù) ċanfru 'l dawk li ressquhomlu: u Ġesù meta ra hekk, dar fuqhom qalilhom:— ħalluhom lit-tfal żgħar jiġu għandi u la żżommuhomx; għax tagħhom u ta' min hu bħalhom hija s-saltna tas-smewwiet. Tabilħaqq ingħidilkom, min ma jilqax is-saltna t'Alla bħal tifel żgħir, ma jidħolx fiha! u ħaddanhom miegħu lil dawk it-tfal u berikhom billi qiegħed idejh fuq rashom.

Kienet l-imgħallma ta' l-iskola qiegħda taqra u tfisser fil-klassi, kemm Ġesù jħobb igħożż u kemm huma għal qalbu t-tfal li jibżgħu u jitbiegħdu minn kull ħjiel ta' qerq u ħażen biex ma jkasbrux is-safa ta' qalbhom: huma bla ma jbarru kelma waħda, għajnejhom imsammrin f'wiċċha, jisimgħu bl-akbar dehwa t-tagħlim fejjiedi illi t-twajba mgħallma, kienet, b'nisġa ħafifa ta' kliem imtenni u li jiftiehem, tiżra' b'fehma tajba, fil-qlub ta' dawk il-ħbieb u maħbubin ta' Ġesù.

Kienet mewġa safja din li biha is-sinjora kienet issaqqi l-qlub tarja li jirtaktu u jmilu għal kull xejra u s-sinjora kienet twettaqha bil-għamil: għax x'jiswa li tibni bil-kelma dak li tħottu bil-għamil? Il-kelma tqanqal, iżda l-għamil ikaxkar!

It-tfal mikrumin wara l-"Miss", kienu jixorbulha l-kelma minn fommha—hi, min-naħa l-oħra, kienet tħobbhom, taf tmur għal xejrethom, ferriħija minn qaddisha u dħulija kemm tridha.

Kemm għandu għax jifraħ u jfarraġ qalbu min għandu merħija f'idejh it-torbija ta' ruħ it-tfal, il-mimmi ta' għajnejn Kristu!

Kienu qorbu l-btajjel tas-sajf, meta dawn il-qlub f'qalb waħda, is-sinjora u t-tfal, kellhom mhux b'rajhom, iżda fuq qalbhom, jinfirdu minn xulxin.

Kien ix-xahar ta' l-Imnarja,u t-tfal —imħallta l-bejgħa— għall-vaganzi, min mitfugħ b'ruħu-u-ġismu għall-għawm u t-tbaħrid lejn ix-xtut ma' tad-dar—mingħad-dris u d-diri fuq l-andar, fuq il-qiegħa ma' missieru u l-ġlajka....u wara l-btajjel